

Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012

## L-iskemi tal-kwalità tal-prodotti agrikoli \*\*\*I

P7\_TA(2012)0344

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskemi tal-kwalità tal-prodotti agrikoli (COM(2010)0733 – C7-0423/2010 – 2010/0353(COD))**

(2013/C 353 E/48)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0733),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 43(2) u 118(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0423/2010),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-5 ta' Mejju 2011 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-12 ta' Mejju 2011 <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-25 ta' Ġunju 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0266/2011),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jieħu nota tad-Dikjarazzjoni tal-Kunsill annessa ma din ir-riżoluzzjoni;
  3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

<sup>(1)</sup> ĠU C 218, 23.7.2011, p. 114.

<sup>(2)</sup> ĠU C 192, 1.7.2011, p. 28.

Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012

**P7\_TC1-COD(2010)0353****Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskemi tal-kwalità għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġiżlattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1151/2012.)

**Anness għal rizzoluzzjoni leġiżlattiva****Dikjarazzjoni tal-kunsill**

Il-Kunsill innota l-importanza li l-Parlament Ewropew jorbot mal-estensjoni tas-sistema għall-ġestjoni tal-produzzjoni ta' ġobon DPO u IĠP għal prodotti DPO u IĠP oħrajn.

Il-Kunsill jimpenja ruħu biex jiddiskuti l-kwistjoni tal-ġestjoni tal-provvista tal-prodotti DPO u IĠP fil-kuntest tan-negozjati tiegħu mal-Parlament Ewropew dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal riforma tal-PAK dwar ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS li tinkludi d-dispożizzjoni għal strumenti li jirregolaw il-provvista fis-swieq agrikoli.

**Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej \*\*\*I**

P7\_TA(2012)0345

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej (COM(2011)0862 – C7-0489/2011 – 2011/0418(COD))<sup>(1)</sup>**

(2013/C 353 E/49)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

**[Emenda Nru 2]**

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW (\*)

għall-proposta tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> Il-każ kien riferut lura lill-kumitat responsabbli biex jerġà jiġi kkunsidrat skont it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 57(2) (A7-0194/2012).

(\*) Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ■.

**REGOLAMENT (UE) Nru .../2012 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

dwar il-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

— Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,